

- 2) Fid-dawl tal-artikoli ċċitati tad-Direttiva dwar il-VAT, kif ukoll tad-dritt għal smigħ xieraq stabbilit bħala prinċipju ġenerali tad-dritt fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-prinċipji fundamentali ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali, il-persuna taxxabblu tista' tkun meħtieġa, fil-kuntest tal-obbligu ġenerali tagħha ta' verifika, tivverifika jekk il-membri preċedenti tal-katina wettqux l-obbligi stabbiliti permezz tar-regoli speċjali għall-eżekuzzjoni tal-provvisti ffatturati u r-rekwiżiti sabiex joperaw legalment? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, dan huwa obbligu kontinwu tal-persuna taxxabblu tul ir-relazzjoni ġuridika jew, inkella, b'liema frekwenza hija għandha twettqu?
- 3) L-Artikolu 167 u l-Artikolu 168(a) kif ukoll l-Artikolu 178(a) tad-Direttiva dwar il-VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li, jekk il-persuna taxxabblu tikkonstata li xi membru preċedenti tal-katina jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu, jtnissel għall-persuna taxxabblu d-dmir li ma teżerċitax id-dritt tagħha għat-tnaqqis tal-VAT sostnuta f'dan il-każ, bil-konsegwenza li l-applikazzjoni tat-tnaqqas tal-VAT tkun tikkwalifika bħala evitar tat-taxxa?
- 4) L-artikoli ċċitati tad-Direttiva dwar il-VAT, f'relazzjoni mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' newtralità fiskali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, waqt l-eżami u l-klassifika tan-natura frawdolenti tal-katina, kif ukoll waqt id-determinazzjoni tal-fatti rilevanti u l-evalwazzjoni tal-provi relatati, l-awtorità tat-taxxa ma tistax tinjora d-dispożizzjonijiet tar-regoli speċjali dwar il-provvisti ffatturati, b'mod partikolari r-regoli li jirregolaw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet?
- 5) Hija konformi mal-artikoli ċċitati tad-Direttiva dwar il-VAT, kif ukoll mad-dritt għal smigħ xieraq stabbilit bħala prinċipju ġenerali tad-dritt fl-Artikolu 47 tal-Karta u mal-prinċipju fundamentali ta' ċertezza legali, prassi tal-awtorità tat-taxxa li tikkonsisti f'li, waqt verifika tad-dritt għal tnaqqis relatat ma' operazzjoni ekonomika mwettqa fl-eżerċizzju ta' attività ta' provvista ta' servizzi, l-eżistenza reali ta' din l-operazzjoni ekonomika, murija permezz ta' fatturi, kuntratti u dokumenti ġustifikattivi oħra ta' kontabbiltà, tista' tiġi kkonfutata abbażi tal-konstatazzjonijiet imwettqa mill-awtorità ta' investigazzjoni matul l-investigazzjoni, tad-dikjarazzjonijiet iddepożitati matul l-investigazzjoni mill-persuni investigati, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet ta' testimonjanza mogħtija mill-ħaddiema kkuntrattati permezz ta' impriżi ta' xogħol temporanju dwar x'jaħsbu dwar ir-relazzjoni ta' xogħol tagħhom, kif jikklassifikawha ġuridikament u min huma jqisu li teżerċita bħala persuna li timpjega?
- 6) Hija kompatibbli mal-artikoli ċċitati tad-Direttiva dwar il-VAT, u hija wkoll konformi mad-dritt għal smigħ xieraq stabbilit bħala prinċipju ġenerali tad-dritt fl-Artikolu 47 tal-Karta u mal-prinċipju fundamentali ta' ċertezza legali, prassi tal-awtorità tat-taxxa li tikkonsisti f'li l-għażla tal-persuna taxxabblu li twettaq l-attività ekonomika tagħha b'mod li jippermettilha tnaqqas bl-iktar mod possibbli l-ispejjeż tagħha tikklassifika bħala eżerċizzju illegali tad-dritt u, abbażi ta' dan, l-awtorità tat-taxxa teżerċita d-dritt tagħha li tikklassifika mill-ġdid il-kuntratti b'tali mod li toħloq kuntratt bejn partijiet li qabel ma kinux marbuta kuntrattwalment?

(¹) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad – Varna (il-Bulgarija) fl-4 ta' Mejju 2022 – Teritorialna direktsia Mitnitsa Varna vs "NOVA TARGOVSKA KOMPANIA 2004" AD

(Kawża C-292/22)

(2022/C 266/21)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad – Varna

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Teritorialna direktsia Mitnitsa Varna

Konvenut: "NOVA TARGOVSKA KOMPANIA 2004" AD

Domandi preliminari

- 1) Abbażi ta' liema kriterji prodott, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri żejt tal-palm raffinat, ibbliċjat u deodorizzat bl-isem kummerċjali PALM FAT MP 36-39, li fil-kuntest tal-produzzjoni tiegħu kien "imħawwad, iffiltrat, imkessaħ, ittemprat u ppakkjat" permezz ta' proċessi fiżiċi biss li ma jibdluhx kimikament, għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 1511 jew taħt l-intestatura 1517 tal-Kapitolu 15 tan-[Nomenklatura Magħquda]?
 - 2) X'tifsira għandu l-kunċett "testurizzazzjoni" li jintuża fid-deskrizzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jinkisbu l-prodotti identifikati bħala "shortenings" fin-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u għall-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija fir-rigward tal-intestatura 1517?
 - 3) Fil-każ li ż-"Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament" ikun għadda minn proċess ta' "testurizzazzjoni", dan jikkostitwixxi raġuni suffiċjenti sabiex jiġi eskluż mill-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 1511?
 - 4) Fl-assenza, [fin-Nomenklatura Magħquda, fin-Noti ta' Spjega tan-Nomenklatura Magħquda u fin-Noti ta' Spjega tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u għall-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija], ta' standards, metodi, kriterji u indikaturi li jippermettu li tiġi eżaminata l-konsistenza taż-żejt tal-palm u li jiġi stabbilit li kien ġie pproċessat permezz ta' "testurizzazzjoni", għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija taħt l-intestatura 1511 jew taħt l-intestatura 1517, il-korpi doganali kompetenti jistgħu huma stess ifasslu u japplikaw proċeduri analitiċi ta' ħidma, bħalma hija l-proċedura applikata f'dan il-każ, RAP 66 verżjoni 02/17.11.2020, li hija intiża li tistabbilixxi t-testurizzazzjoni ta' xaħam permezz ta' penetrazzjoni u li hija bbażata fuq il-metodu ppubblikat uffiċjalment AOCs Cc-16-60?
- Fil-każ li dan ma jkunx permess, skont liema standards, metodi, kriterji u indikaturi jista' jitwettaq l-eżami tal-prodott sabiex jiġi stabbilit li għadda minn proċess ta' "testurizzazzjoni" jew li jikkostitwixxi "shortening tal-palm"?
- 5) In-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1602 tal-11 ta' Ottubru 2018 li jemenda l-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87 ⁽²⁾, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-prodotti kklassifikati bħala "shortenings" miksuba minn żejt tal-palm ir-raffinat permezz ta' testurizzazzjoni għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 1517 ta' din in-nomenklatura, u b'mod partikolari taħt is-subintestatura 1517 90 99 tagħha?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.

⁽²⁾ ĠU 2018, L 273, p. 1.